MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2007

Citazzjoni Numru. 129/2004

**George u Angela konjugi Said**

**Vs**

**Gaudos Development Limited**

**Din hija kawza li permezz taghha l-atturi qeghdin jitolbu li l-Qorti tordna li jsir att korrettorju ghaliex isostnu li klawzola f'kuntratt ta' bejgh giet inkluza b'qerq u minghajr kunsens taghhom u m'ghandix tibqa' tifforma parti mill-kuntratt ta' akkwist.**

Permezz ta' citazzjoni prezentata fil-15 ta' Dicembru 2004, l-atturi ppremettew li permezz ta' kuntratt datat 6 ta' Mejju tas-sena 2004 fl-atti tan-Nutar Kristen Dimech, xtraw minghand is-socjeta konvenuta Gaudos Development Limited maisonette, forma ta' shell, mhux ufficcjalment maghruf bin-numru 4, formanti parti minn korp bini li jgib l-isem Pavillion Court, Triq il-Wiehed u Tletin ta' Marzu 1979, Victoria, Ghawdex.

Illi mal-istess kuntratt gew annessi numru ta' kondizzjonijiet fosthom kundizzjoni numru 21 li biha s-socjeta konvenuta nghata dritt ta' l-ewwel preferenza fl-eventwalita' li l-atturi jigu bieghu ibieghu l-proprjeta'.

Illi l-atturi jsostnu li din il-kundizzjoni giet inkluza fil-kuntratt ta' l-akkwist taghhom b'qerq u minghajr il-kunsens u kontra l-volonta' tal-atturi.

Illi skond l-atturi din il-kondizzjoni qatt ma kienet intenzjonata li tiddahhal fil-kuntratt tant li fil-konvenju li kien sar fid-9 ta' Marzu 2002 ma kienitx inkluza.

Illi ghalkemm is-socjeta konvenuta giet interpellata kemm-il darba sabiex tersaq ghall-att korrettorju sabiex titnehha l-kondizzjoni numru 21 mill-kuntratt tas-6 ta' Mejju 2004, il-konvenuti baqghu inadempjenti.

Talbu ghalhekk l-atturi sabiex il-Qorti tiddikjara li:-

1. Il-kundizzjoni bin-numru wiehed u ghoxrin (21) fid-dokument A anness mal-kuntratt li sar bejn l-atturi u s-socjeta konvenuta fis-6 ta' Mejju 2004 fl-atti tan-Nutar Kristen Dimech giet inkluza b'qerq u minghajr awtorizazzjoni u kunsens tal-atturi.
2. Tordna lis-socjeta konvenuta tersaq ghall-att korrettorju sabiex titnehha din il-kundizzjoni.
3. Tahtar Nutar Pubbliku sabiex jippubblika dan l-att korrettorju u kuraturi sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

Permezz ta' nota ta' l-eccezzjonijiet li giet prezentata fid-19 ta' Jannar 2005[1], is-socjeta konvenuta eccepiet:-

1. Illi l-pretensjonijiet attrici huma nfondati sew fid-dritt kif ukoll fil-fatt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess atturi.
2. Illi huwa nnegat ghal kollox li l-eccipjenti b'xi mod agixxiet b'qerq fil-konfront ta' l-atturi.

[1] Fol. 23.

3. Illi l-kundizzjoni ndikata fic-citazzjoni kienet inkluza fil-konvenji li gew iffirmati relattivi ghall-bejgh tal-proprjeta' in kwistjoni. Dan inqrat u giet spjegata wkoll min-Nutar li ppubblika l-kuntratt u mill-Avukat li kien qed jassistihom fuq il-pubblikazzjoni tal-kuntratt. Dan bhalma sar fir-rigward ta' kull kundizzjoni kontenuta fih.
4. Illi barra minn hekk l-atturi kienu ben konxji li l-kundizzjoni msemmija fil-kawza kienet se tigi nserita u madankollu xorta ghazlu li jersqu ghall-kuntratt relattiv.

Rat l-atti kollha tal-kawza fosthom l-affidavits, it-traskrizzjoni tax-xhieda u d-dokumenti li gew prezentati.

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta' Marzu 2007 li permezz tieghu l-kawza giet differita ghal-lum ghas-sentenza.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet prezentata mill-atturi fis-26 ta' April 2007.

Ikkunsidrat:-

1. Il-fatti rilevanti li johorgu mill-atti tal-kawza huma s-segwenti:-

(a) Fid-9 ta' Marzu 2002 il-kontendenti ffirmaw konvenju sabiex l-atturi jixtru minghand is-socjeta konvenuta *"the maisonette in shellform, in ground floor level, without official number but marked number 4, in 31st March Street, 1979 Victoria, Gozo, without its overlying airspace, forming part of a block named Pavillian Court"*[2]. Dan il-konvenju nkiteb min-nutar Dr. Silvio Hili. L-att finali kellu jsir mhux iktar tard mis-7 ta' Awwissu 2002.
(b) Sakemm gie ppubblikat il-kuntratt ta' akkwist gew iffirmati zewg skritturi ohra, wahda ghand in-nutar Dr. Paul Pisani u ohra ghand in-nutar Dr. Kirsten Dimech. Min-naha taghhom l-atturi jsostnu li dawn kienu semplici tigdid tal-konvenju originali li kien sar ghand in-nutar Dr. Silvio Hili. Min-naha l-ohra s-socjeta konvenuta ssostni li dawn kienu konvenji godda. L-iskrittura li kienet giet iffirmata ghand in-nutar Dr. Kirsten Dimech kienet ghall-perjodu ta'

[2] Fol. 11.

gimgha qabel id-data tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' akkwist.

(c) In-nutar Dr. Kirsten Dimech huwa nutar li tinqeda bih is-socjeta konvenuta. L-atturi kienu kkonsultaw ruhhom ma' l-avukat Dr. Joseph Grech qabel marru jiffirmaw l-iskrittura ghand in-nutar Dr. Kirsten Dimech.

(d) Fis-6 ta' Mejju 2004 gie ppubblikat il-kuntratt ta' xiri min-nutar Dr. Kristen Dimech[3]. Anness ma' dan il-kuntratt hemm lista ta' kondizzjonijiet. Kondizzjoni numru 21 taqra:- *"in case of transfers inter vivos of the unit being purchased, the present purchasers shall be bound to inform the Vendor Company of the consideration and other conditions under which he shall be transferring such unit. Within fifteen days from the notification, the Vendor Company shall inform the present purchasers whether it intends to purchase the said unit under the same conditions aw have been offered by third parties. Within three months of such notification, the Vendor Company and the present Purchasers shall be bound to appear on the public deed whereby the present Vendor Company acquires the said unit. All notifications mentioned in this paragraph shall be effected by registered post to the registered address of the Vendor Company and the present Purchasers. This condition shall not apply in the case of transfers inter vivos to the direct descendants of the present purchasers"*[4]. Din il-kondizzjoni ma kienitx inkluza fil-konvenju li gie ffirmat fid-9 ta' Marzu 2002 in kwantu l-atturi kienu oggezzjonaw li tigi inkluza fil-konvenju.

(e) Dakinhar li gie ffirmat il-kuntratt ta' xiri, kienet inqalghet kwistjoni in kwantu kif in-nutar qara l-klawzola numru wiehed u ghoxrin (21) l-atturi oggezzjonaw ghalija. Dakinhar l-atturi kienu assistiti minn avukat tal-fiducja taghhom (Dr. Joseph Grech). L-atturi jghidu li fl-ahhar iddecidew li jiffirmaw kontra qalbhom ghaliex kienu diga' hallsu s-somma ta' hmistax-il elf lira Maltija (Lm15,000) mill-prezz.

(f) Permezz ta' dawn il-proceduri l-atturi qeghdin jitolbu li ssir korrezzjoni fil-kuntratt ta' akkwist tas-6 ta' Mejju

[3] Fol. 3.
[4] Fol. 9 u 10.

2004 fl-atti tan-nutar Dr. Kirsten Dimech, fis-sens li l-klawzola numru 21 titnehha ghaliex huma jsostnu li din il-klawzola tnizzlet ***"b'qerq u minghajr l-awtorizazzjoni u kunsens tal-atturi"***.

2. Bhala principji jinghad li:-

(a) **Kif tajjeb nghad fil-kawza fl-ismijiet Gourmet Co ltd et vs Mariano Vella** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-19 ta' Novembru 2001:-*"L-iskritturi li jikkrejaw obbligazzjonijiet bejn il-kontraenti kellhom jigu prezunti illi huma validi u li fedelment jirriflettu l-volonta' kontrattwali taghhom. Min jallega l-kontra u jadduci propju l-vizzju tal-kunsens kontrattwali bazat fuq xi wiehed mill-elementi li l-ligi stess tindika bhala raguni valida biex jigi vizjat tali kunsens, kellu biex jirnexxi fl-azzjoni, jipproduci provi univoci, kredibbli u attendibbli in sostenn tal-pretenzjonijiet tieghu"*.

(b) Il-qerq m'huwa qatt prezunt izda jrid jigi pprvuat. L-oneru tal-prova li gie ezercitat xi qerq tinkombi fuq min jallegah. Trid issir il-prova li parti wahda uzat "*scienter*" raggiri frawdolenti u artifizji li kienu gravi (**Joseph Mifsud nomine -vs- Paul Tanti** deciza fl-4/2/1965 u **Josephine mart Francis Galea -vs- Perit Walter Caruana Montaldo** deciza fis-16/12/1970**)**.

(c) F'kaz ta' dubju, dan ghandu jmur favur il-parti l-ohra, in vista tal-prezunzjoni tal-istabbilita' tal-kuntratti. Skond il-gurisprudenza, *"(1) il mantenimento dei contratti e` di interesse generale purche e` principio di ordine pubblico; siffatto considerazione impone che nelle cause d'impugnazione di contratti per vizio di consenso si procede con massima circospezione perche non si abbia ad annulare un'atto che dovrebbe rimanere in vigore* **Innocenzo Galea -vs- M. Zammit**, Appell Civili, 3 ta' Dicembru 1919 (Vol. XXIV.I.203);

(d) Sabiex ikun hemm il-qerq, irid ikun hemm raggiri li huma kapaci li jaghtu lill-parti l-ohra tifhem haga minflok ohra, u jridu jkunu gravi u determinanti. Dan fis-

sens li dik il-parti li fuqha jkunu saru r-raggiri ma kienitx tasal biex taghmlu kieku ma kienx hemm dawk ir-raggiri[5].

(e) *"Illi l-qerq ma jistax jig allegat meta l-fatti setghu jigu sbiliti bla xkiel jw diffikulta' zejda mill-parti li tallega l-qerq, ghaliex f'kaz bhal dan ix-xilja ta' qerq ma tkunx ghajr skuza facli biex wiehed jahrab milli jwettaq ir-rabtiet li jkun dahal ghalihom mal-persuna li allegatament uzat il-qerq"* **George Portelli et vs Ivan John Felice** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Lulju 2004.

(f) Fir-rigward tal-oneru tal-prova, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **Roland Schaffrath vs Travel TV plc**[6] deciza fit-28 ta' Gunju 2001 osservat:- *"…l-Qorti trid taghmilha cara li f'kull kawza, l-attur irid jipprova l-kaz tieghu u dan fi grad xieraq kif imfisser fir-regoli ewlenin tal-ligi tal-procedura u skond il-haqq. Attur ma jistax inehhi minn fuqu dan l-obbligu billi jappella ghas-sens tal-hniena jew dehen arbitrali tal-gudikant minghaj ma jaghti hjiel ta' prova ta' dak li qed jitlob"*. Ma' dan jizdied li *"…..l-inqas huwa accettabbli r-ragunament ta' l-appellanti fis-sens li l-attur ma jehtiegx li f'kull kaz jipprova l-kaz tieghu a sodisfazzjon tal-Qorti mill-bidu sa l-ahhar. Kull process guridiku huwa essenzjalment wiehed ta' provi li jwassal ghall-konvinciment mehtieg"* (Paul Vassallo et vs Carmelo Pace deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-5 ta' Marzu 1986[7]).

Bla dubju mill-provi rrizulta li dakinhar tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' xiri qamet il-kwistjoni dwar il-klawzola numru wiehed u ghoxrin (21) tad-dokument intestat *Conditions for Sale of Flats, Maisonettes, Garages*. Min-naha taghhom l-atturi ma riedux li jkunu marbutin li jekk jigu biex jittrasferixxu l-proprjeta' *inter vivos* ikollhom igharrfu lis-socjeta venditrici, li min-naha taghha jkollha d-dritt ta' l-ewwel preferenza li takkwista l-fond. Huwa minnu li din il-klawzola ma tnizzlitx fl-ewwel konvenju li ffirmaw il-partijiet. Fir-rigward taz-zewg skritturi li gew iffirmati wara l-ewwel konvenju, hemm verzjonijiet

---

[5] *"I raggiri usati da uno dei contraente sono stati tali che senza di essi l'altra parte non avrebbe contratto"* **Terese Galea -vs- Salvatore Bonnici** (Vol. X pagna 592)

[6] Onor. Imhallef Joseph R. Micallef.

[7] Vol. LXX.ii.143.

kontrastanti. Filwaqt li l-atturi jsostnu li kull ma sar kien tigdid tal-ewwel konvenju u li sal-pubblikazzjoni tal-kuntratt qatt ma nltahaq ftehim li din il-klawzola tkun parti min-negozju finali, il-konvenuti jghidu li saru konvenji godda u li din il-klawzola kienet inkluza fil-konvenju wkoll. Dakinhar tal-bejgh l-atturi kienu assistiti minn avukat ta' fiducja taghhom, li xehed:- *"jiena qbadt l-istandard conditions li* ***kienu gja' gew iffirmati mill-konjugi Said****. U wahda mill-istandard conditions jekk m'inhiex sejjer zball, kienet xi condition 22 jew 23 peress li kien hemm diversi standard conditions, kienet specifikament titkellem dwar ir-right of first refusal"*[8]. Kompla jghid li peress li l-atturi ma riedux li l-kondizzjoni numru wiehed u ghoxrin (21) titnizzel fil-kuntratt, qalilhom li kellhom zewg toroq:-

(a) Jixtru l-proprjeta' bil-kondizzjonijiet kif inhuma, inkluza klawzola numru 21; jew alternattivament
(b) Ma jixrtux il-proprjeta' u jaraw jekk is-socjeta konvenuta tiehu passi gudizzjarji biex igieghlhom jersqu ghax-xiri tal-fond.

Fic-cirkostanzi l-atturi ghazlu li jixtru l-proprjeta' u kienu jafu li qeghdin jiffirmaw kuntratt li fih il-klawzola tad-dritt tal-ewwel preferenza kienet inkluza. L-attur spjega li huwa ghazel din it-triq ghaliex *"jiena kont gia' hrigt hmistax-il elf lira Maltin (Lm15,000) bhala parti mill-prezz ta' din il-proprjeta' u dak il-hin sibt ruhi f'diffikulta' ghax kelli l-periklu li nitlef dan id-depozitu"*[9]. In kontro-ezami xehed:- *"jiena huwa fatt illi naf illi meta kont qed niffirma l-kuntratt kont naf illi hemm dik il-kundizzjoni pero' jiena mxejt fuq il-parir ta' l-avukat pero' dak li kont qed naghmel kien kontra qalbi ghax jiena dik il-kundizzjoni qatt ma ridtha"*[10]. Fil-kuntratt ta' xiri l-atturi ma rrizervaw l-ebda dritt fil-konfront tas-socjeta venditrici ghal fatt li kienet qeghda tigi nserita l-klawzola numru 21 tal-*Conditions of Sale for Sale of Flats, Maisonettes, Garages*.

[8] Fol. 46. Ix-xhud kompla jispjega li:- *"jiena fuq il-konvenju ma kontx prezenti. Jiena kont prezenti fuq il-kuntratt.* ***Gejtipprezentat b'kopja ta' konvenju illi fuqha kien hemm referenza ghall-conditions u din kienet wahda mill-conditions****"* (fol. 47).
[9] Fol. 31.
[10] Seduta tat-23 ta' Marzu, 2007.

3. F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti ma tarax kif l-atturi jistghu jirnexxu fil-kawza li ghamlu wara li huma stess ghazlu li jixtru l-proprjeta' b'dik il-kondizzjoni. L-atturi bbazaw it-talbiet taghhom fuq il-premessa li l-klawzola meritu tal-kawza giet inserita ***"b'qerq u minghajr l-awtorizazzjoni u kunsens taghhom"***. Mill-provi ma jirrizultax li dan huwa minnu. Huwa minnu li fl-ewwel konvenju li sar ghand in-nutar Silvio Hili ma gietx inkluza l-klawzola in kwistjoni, madankollu l-atturi ffirmaw f'zewg okkazzjonijiet ohra (qabel il-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' bejgh) ghand zewg nutara differenti (in-nutar Dr. Paul Pisani u n-nutar Dr. Kirsten Dimech). Kopja tad-dokumenti li gew iffirmati ma gewx prezentati, u x-xhieda tal-atturi m'hijiex korraborata. Anzi l-avukat li kien qieghed jassistihom ikkonferma li dakinhar tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt huwa kien gie muri sett ta' kondizzjonijiet li kienu gew iffirmati mill-atturi fejn kien hemm inkluza klawzola numru wiehed u ghoxrin (21). Kien f'dan l-isfond li qalilhom dak li nghad iktar 'il fuq. Dakinhar tax-xiri l-atturi kienu ben konsapevoli li din il-klawzola kienet qeghda tigi inkluza fil-kuntratt li ffirmaw. Ma kien qieghed isir xejn bil-mohbi taghhom. Tant hu hekk li dakinhar li gie ffirmat il-kuntratt inqalghet diskussjoni. Minkejja dan, l-atturi ghazlu li jiffirmaw il-kuntratt ta' akkwist kif inhu. Ma jistghux issa jargumentaw li din il-klawzola giet inserita fil-kuntratt ***"b'qerq u minghajr l-awtorizazzjoni u kunsens taghhom".*** Mill-provi jirrizulta li hadd ma gieghel lill-atturi jiffirmaw il-kuntratt ta' bejgh u anzi ffirmaw ben konsapevoli li s-socjeta konvenuta kienet qeghda tinghata d-dritt tal-ewwel preferenza fl-eventwalita' ta' trasferiment *inter vivos* fil-futur. Min-naha taghha l-Qorti hija marbuta mat-talbiet tac-citazzjoni u ma ghandha l-ebda jedd li tiddipartixxi minnhom[11].

[11] "Hu principju maghruf ilil fl-ghoti tas-sentenza f'kawza l-gudikant ghandu joqghod rigorozament fil-limiti tal-kontestazzjoni b'mod illi waqt li hu obbligat jokkupa ruhu mill-kwestjonijiet kollha dedotti fil-gudizzju mill-partijiet; minn naha l-ohra ma jistax jittratta u jirrisolvi kwistjonijiet li l-partijiet ma ssollevawx u ma ssottomettewx ghad-decizjoni tieghu" (Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet **Borg vs Halmann Limited** deciza fl-20 ta' Ottubru 2003).

4. Fin-nota ta’ sottomissjonjiet prezentata mill-atturi sar l-argument li dakinhar li gie ffirmat il-kuntratt ta’ bejgh, ghalkemm l-atturi kienu assistiti minn avukat dan *“kien gie zgwidat minn dak li suppost kellhom ikunu l-kundizzjonijiet allegati mal-konvenju. Dakinhar huwa gie muri kopja tal-kondizzjonijiet standard li normalment is-socjeta konvenuta tesigi li jigu nkluzi ma’ kuntratt ta’ bejgh, u fosthom dawn il-kondizzjonijiet kien hemm ukoll id-dritt tal-ewwel preferenza”*. Il-provi ma jurux hekk. L-avukat Grech xehed fis-seduta tat-30 ta’ Gunju 2005[12] u qal:- ***“u jiena qbadt standard conditions li kienu gia’ gew iffirmati mill-konjugi Said”***. Kompla jispjega li gialadarba l-atturi kienu diga’ ffirmaw ghal dawk il-kondizzjonijiet, kellhom ghazla li jew ma jersqux fuq l-att finali jew jaghmlu l-kuntratt b’dik il-kundizzjoni gialadarba s-socjeta konvenuta kienet qeghda tinsisti fuqha. Mix-xhieda moghtija mill-avukat Dr. Joseph Grech il-Qorti qeghda tifhem li dan ma kienx qieghed jistrieh fuq dak li kien qieghed jinghad dakinhar li gie ffirmat il-kuntratt, imma fuq dokumenti ffirmati. Iktar ‘il quddiem fin-nota taghhom, l-atturi jsostnu li dakinhar tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt ir-rapprezentanti tas-socjeta knvenuta pprovdew *“…. lin-Nutar li kien se jippubblika l-att finali (kif ukoll lill-esponenti u lill-Avukat li kien qed jassistihom dakinhar tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt) b’kopja ta’ konvenju li fil-verita’ ma kienx l-istess konvenju iffirmat bejn il-partijiet”*. Fil-fehma tal-Qorti din l-asserzjoni ma tirrizultax mill-provi.

5. Konsiderazzjoni ohra hija l-fatt li l-klawzola numru wiehed u ghoxrin (21) tal- *Conditions of Sale for Sale of Flats, Maisonettes, Garages* hija wahda mill-kondizzjonijiet tal-bejgh. Permezz ta’ din il-kawza l-atturi m’humiex jitolbu r-rexxissjoni tal-kuntratt (kif wara kollox tikkontempla l-ligi f’kaz ta’ vizzju tal-kunsens) izda qeghdin jitolbu biss li din il-klawzola m’ghandix tifforma parti mill-bejgh. Il-qerq huwa eghmil doluz u l-ligi tikkontempla **n-nullita’ tal-ftehim** fejn dan jigi ppruvat[13]. Min-naha l-ohra, il-Qorti hija tal-fehma li l-kuntratt ta’ bejgh in kwistjoni

[12] Fol. 45-48.
[13] Art. 981 tal-Kodici Civili (Kap. 16 ta’ Ligijiet ta’ Malta).

huwa wiehed indivizzibbli. Jirrizulta li ghallinqas zgur fid-data tal-kuntratt is-socjeta konvenuta kienet qeghda tinsisti li sabiex isir il-bejgh kellha tigi nkluza l-kondizzjoni tad-dritt ta' l-ewwel preferenza f'kaz ta' trasferiment *inter vivos*. Dakinhar din l-obbligazzjoni giet accettata mill-atturi (ghalkemm huma ma rieduhiex) tant li ffirmaw il-kuntratt ta' bejgh. Il-Qorti qeghda tifhem li kieku l-atturi baqghu jinsistu li din il-kondizzjoni ma tkunx inkluza fil-kuntratt ta' bejgh, in-negozju kien ser ifalli. Mela l-Qorti tqies li din l-obbligazzjoni hija ndivizibbli mill-kumplament tan-negozju, u ghalhekk ma tistax taghti lok ghall-annullament in parti. L-imsemmija kundizzjoni hija wahda mill-kondizzjonijiet sabiex sar l-bejgh. Dan huwa l-mod li l-partijiet ikkunsidraw il-ftehim, fis-sens li l-klawzola kienet indivizibbli mill-bejgh cjoe' wahda dipendenti mill-ohra. Fic-cirkostanzi il-bejgh ma jistax jezisti minghajr din il-kondizzjoni, u ghalhekk fl-ahjar ipotezi ghall-atturi l-iktar li setghu ghamlu kienet kawza ghar-rexxissjoni tal-kuntratt liema kawza kienet ukoll timponi fuqhom l-oneru li jipprovaw il-qerq in kwantu kif rajna l-eghmil doluz m'huwiex prezunt.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda tiddisponi minn din il-kawza billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta, tichad it-talbiet ta' l-atturi bl-ispejjez kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------